

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġits

5.10.2006

PE 378.842v01-00

EMENDI 1-59

Abbozz ta' rapport

(PE 378.810v02-00)

James Elles

L-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - Kummissjoni

Proposta għal riżoluzzjoni (C6-0299/2006 – 2006/2018(BUD))

Emenda mressqa minn Salvador Garriga Polledo

Emenda 1
Paragrafu 3

3. Jirrimarka li dan huwa l-ewwel baġit taħt il-Qafas Finanzjarju l-ġdid, skond Ftehim Interistituzzjonali ġdida u b'ħafna programmi multiannwali ġodda; jirrimarka wkoll li Regolament Finanzjarju ġdid **għandu** japplika għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-2007;

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 2
Paragrafu 3

3. Jirrimarka li dan huwa l-ewwel baġit taħt il-Qafas Finanzjarju l-ġdid, skond Ftehim Interistituzzjonali ġdida u b'ħafna programmi multiannwali ġodda; jirrimarka wkoll li Regolament Finanzjarju ġdid se jkun japplika **idealment** għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-2007;

AM\633679MT.doc

PE 378.842v01-00

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 3
Paragrafu 4

4. Jenfisizza li, f'konformità ma' l-approċċ li jqis il-benefiċċju tan-nefqa stipulat fil-paragrafu 7 tar-risoluzzjoni dwar l-APS, intlaħaq approċċ kwalitattiv li jqis il-valur għall-flus minfuqa permezz ta' seduti ta' smigħ dwar il-politiki li saru fil-Kumitat għall-Baġits *u analiżi bir-reqqa ta' numru ta' għejun ta' informazzjoni dwar il-kwalità ta' nfiq tal-fondi ta' l-UE u dwar l-implimentazzjoni tal-baġit (imħassra)*; jinnota li l-emendi tal-baġit tħejjew fuq il-bażi ta' l-informazzjoni akkwistata b'dan il-mod; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament kollha jipparteċipaw ftendenza li tqis il-valur għall-flus minfuqa;

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 4
Paragrafu 4

4. Jenfasizza li, permezz ta' seduti ta' smigħ dwar il-politiki li saru fil-Kumitat għall-Baġits, studji fuq il-benefiċċji tan-nefqa li qed jitwettqu dwar numru ta' kwistjonijiet ta' politika, u permezz ta' eżami approfondit tad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività mill-Kummissjoni, u minn rapporti mill-Qorti ta' l-Awdituri fuq il-kwalità ta' l-infiq ta' l-UE, f'konformità ma' l-approċċ li jqis il-benefiċċju tan-nefqa, stipulat fil-paragrafu 7 tar-risoluzzjoni dwar l-APS, *inbeda* approċċ kwalitattiv li jqis il-valur għall-flus minfuqa; jinnota li l-emendi tal-baġit tħejjew *fost l-oħrajn* fuq il-bażi ta' l-informazzjoni akkwistata b'dan il-mod; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament kollha jipparteċipaw ftendenza li tqis il-valur għall-flus minfuqa;

Or.en

Emenda mressqa minn Catherine Guy-Quint

Emenda 5
Paragrafu 4

4. Jenfasizza li, permezz ta' seduti ta' smigħ dwar il-politiki li saru fil-Kumitat għall-Baġits, studji fuq il-benefiċċji tan-nefqa li qed jitwettqu dwar numru ta' kwistjonijiet

ta' politika, u permezz ta' eżami approfondit tad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività mill-Kummissjoni, (*tħassir*) f'konformità ma' l-approċċ li jqis il-benefiċċju tan-nefqa, stipulat fil-paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni dwar l-APS, intlaħaq approċċ kwalitattiv li jqis il-valur għall-flus minfuqa; jinnota li l-emendi tal-baġit tħejjew fuq il-bażi ta' l-informazzjoni akkwistata b'dan il-mod; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament kollha jipparteċipaw f'tendenza li tqis il-valur għall-flus minfuqa;

Or.en

Emenda mressqa minn Bárbara Dührkop Dührkop

Emenda 6
Paragrafu 4

4. Jenfasizza li, permezz ta' seduti ta' smiġh dwar il-politiki li saru fil-Kumitat għall-Baġits, (*tħassir*) u permezz ta' eżami approfondit tad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività mill-Kummissjoni, u minn rapporti mill-Qorti ta' l-Awdituri fuq il-kwalità ta' l-infiq ta' l-UE, f'konformità ma' l-approċċ li jqis il-benefiċċju tan-nefqa, stipulat fil-paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni dwar l-APS, intlaħaq approċċ kwalitattiv li jqis il-valur għall-flus minfuqa; jinnota li l-emendi tal-baġit tħejjew fuq il-bażi ta' l-informazzjoni akkwistata b'dan il-mod; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament kollha jipparteċipaw f'tendenza li tqis il-valur għall-flus minfuqa;

Or.en

Emenda mressqa minn Paulo Casaca

Emenda 7
Paragrafu 4 a (ġdid)

- 4a. *Jilqa' b'sodisfazzjon it-twegġibiet pożittivi tal-Kummissjoni Ewropea għat-talbiet konsekuttivi mill-Parlament Ewropew - b'mod partikulari dawk iddikjarati fir-Riżoluzzjoni ta' Kwittanza 2001, paragrafu 102¹ - dwar żvelar pubbliku ta' l-ammonti u ta' l-ismijiet tal-benefiċjarji tal-Baġit Ewropew kif propost fl-Inizjattiva għat-Trasparenza² iżda jiddispijaci, madankollu, li l-informazzjoni ekwivalenti rigward l-irkupru tal-fondi Ewropej ma jaqgħux taħt l-istess inizjattiva ta' trasparenza u jitlob lill-Kummissjoni li tagħmel disponibbli għall-awtorità baġitarja u fl-aħħar għall-pubbliku l-ismijiet u l-ammonti ta' l-irkupri dovuti jew ikkreditati lill-baġit Ewropew kif ukoll id-destinazzjoni finali ta' dawn l-ammonti.***

Or.en

¹ ĠU L 148, 16.06.2003.

² COM(2006)0194 and SEC(2005)1300.

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 8
Paragrafu 5

5. Iqis li l-livell (*tħassir*) ta' approprjazzjonijiet aggregati proposti mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu, (*tħassir*) huwa bil-wisq inqas mil-livell meħtieġ sabiex l-UE tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi tal-globalizzazzjoni **li qed tiffaċċja**, iservi biss biex aktar juri l-importanza tat-tielet faxxa ta' l-istrateġija tal-Parlament, li qed tħejji għar-reviżjoni ta' l-MFF, li għandu jgħib infiq mill-UE li jkun iffokat aħjar fuq prijoritajiet ta' politika; jemmen li meta l-impenji jkunu kkonċentrati fuq programmi ta' prijorità, **u billi jiġi żgurat li** taħthom il-fondi jintefqu tajjeb, l-infiq ta' l-UE se jservi aħjar l-interessi taċ-ċittadin;

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 9
Paragrafu 5

5. Iqis li l-livell insuffiċjenti ta' approprjazzjonijiet aggregati proposti mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu, li huma bil-wisq inqas mil-livell meħtieġ sabiex l-UE tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi **li qed tiffaċċja**, iservu biss biex aktar juru l-importanza tat-tielet faxxa ta' l-istrateġija tal-Parlament, li qed tħejji għar-reviżjoni ta' l-MFF, li għandu jgħib infiq mill-UE li jkun iffokat aħjar fuq prijoritajiet ta' politika; jemmen li meta l-impenji jkunu kkonċentrati fuq programmi ta' prijorità, **u billi jiġi żgurat li** li taħthom il-fondi jintefqu tajjeb, l-infiq ta' l-UE se jservi aħjar l-interessi taċ-ċittadin;

Or.en

Emenda mressqa minn Bárbara Dührkop Dührkop

Emenda 10
Paragrafu 5

5. Iqis li l-livell insuffiċjenti ta' approprjazzjonijiet aggregati proposti mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu, li huma bil-wisq inqas mil-livell meħtieġ sabiex l-UE tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi tal-globalizzazzjoni, iservu biss biex aktar juru l-importanza tat-tielet faxxa ta' l-istrateġija tal-Parlament, li qed tħejji għar-reviżjoni ta' l-MFF, li għandu jgħib infiq mill-UE li jkun iffokat aħjar fuq prijoritajiet ta' politika; (*tħassir*)

Emenda mressqa minn Salvador Garriga Polledo

Emenda 11
Paragrafu 5 a (ġdid)

- 5a. ***Jistenna li l-elementi u r-riformi l-ġodda kollha stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali l-ġdida tas-17 ta' Mejju 2006 jkunu implimentati sa l-aħħar fil-baġit kollu ta' l-2007 biex ikun hemm effett rapidu fuq l-implimentazzjoni kwalitattiva tal-baġit u r-relazzjonijiet interistituzzjonali;***

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 12
Paragrafu 6

6. F'konformità mal-prijoritajiet tal-Parlament, iqis li l-infiq ta' l-UE għandu jkun iffokat fuq oqsma ta' prijorità u f'livell oġġla milli hu propost fl-abbozz tal-baġit tal-Kunsill sabiex ikun assigurat li l-programmi ta' prijorità jitwasslu liċ-ċittadin b'mod effettiv; għalhekk jipproponi li l-pagamenti fil-baġit ta' l-2007 jiġu miżjuda għal livell ta' **1.04%** tad-dħul gross nazzjonali (GNI) ta' l-UE, billi jitkabbru l-appropriazzjonijiet fuq linji tal-baġit marbuta mal-prijoritajiet politiċi tal-Parlament; jinnotta li l-parti kbira tal-kumitati parlamentari speċjalizzati pproponew li jkunu rrestitwiti l-ammonti ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari (PDB), f'konformità mal-proċeduri leġiżlattivi li għaddejnin (*tħassir*) ***jew dawk li jibdew fl-2007;***

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 13
Paragrafu 7

7. Jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha tindirizza b'mod attiv u tingaġġa ruħha b'mod aktar effettiv ma' l-isfidi ekonomiċi, politiċi, ***soċjali, ambjentali*** u ta' żvilupp ippreżentati mill-proċess ta' globalizzazzjoni li għaddej kontinwament; għalhekk jippreżenta emendi għall-baġit ta' l-2007 li jimmiraw li jqawwu l-kapaċità ta' l-ekonomija ta' l-UE ***biex tingaġġa ruħha ma' dawn l-isfidi f'manjiera aktar strateġika;***

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 14
Paragrafu 7

7. Jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha tindirizza b'mod attiv u tingaġġa ruħha b'mod aktar effettiv ma' l-isfidi ekonomiċi, politiċi, **soċjali, ambjentali** u ta' żvilupp ippreżentati **fost l-oħrajn** mill-proċess ta' globalizzazzjoni li għaddej kontinwament; għalhekk, jippreżenta emendi għall-baġit ta' l-2007 li jimmiraw li jqawwu l-kapaċità ta' l-ekonomija ta' l-UE sabiex tikkompeti fuq livell internazzjonali, filwaqt li jkattru l-fondi disponibbli għall-mekkaniżmi li għandha l-Komunità biex tittratta l-isfidi tal-politika barranija, u jgħollu l-ammonti ta' l-assistenza għall-iżvilupp li huma disponibbli għal reġjuni bħall-Asja u l-Amerika Latina;

Or.en

Emenda mressqa minn Bárbara Dührkop Dührkop

Emenda 15
Paragrafu 7

7. Jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha tindirizza b'mod attiv u tingaġġa ruħha b'mod aktar effettiv ma' l-isfidi ekonomiċi, politiċi u ta' żvilupp ippreżentati mill-proċess ta' globalizzazzjoni li għaddej kontinwament; għalhekk, jippreżenta emendi għall-baġit ta' l-2007 li jimmiraw li jqawwu l-kapaċità ta' l-ekonomija ta' l-UE sabiex tikkompeti fuq livell internazzjonali, filwaqt li jkattru l-fondi disponibbli għall-mekkaniżmi li għandha l-Komunità biex tittratta l-isfidi tal-politika barranija, u jgħollu l-ammonti ta' l-assistenza għall-iżvilupp li huma disponibbli għal reġjuni bħall-Asja u l-Amerika Latina **u l-Mediterran;**

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 16
Paragrafu 8

8. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-valur għall-flus minfuqa fil-baġit ta' l-UE; jipproponi emendi sabiex **30%** ta' l-appropriazzjonijiet jitqiegħdu friżerva fuq numru (**tħassir**) ta' linji tal-baġit sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tassigura lill-Parlament li dawn il-flus se jintefqu f'manjera li ggħib lill-Ewropew li jħallas it-taxxa valur għall-flus minfuqa;

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 17

Paragrafu 8

8. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-valur għall-flus minfuqa fil-baġit ta' l-UE; jipproponi emendi sabiex x% ta' l-appropriazzjonijiet jitqiegħdu frizerva fuq numru (y) ta' linji tal-baġit sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tassigura lill-Parlament li ***xi nuqqasijiet speċifiċi identifikati fir-rapporti tal-Qorti ta' l-Awdituri (CoA), rapporti ta' sintesi tal-Kummissjoni, analiżi ta' l-ispejjeż imqabblin mal-benefiċċju jew tbassir ta' allarmi għall-baġit qegħdin jiġu indirizzati;***

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 18

Paragrafu 9

9. Jiftakar mill-ġdid li dawn il-linji tal-baġit kienu magħżula fuq il-bażi ta' eżami approfondit li sar tar-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, ir-Rapporti ta' Sintesi dwar l-immaniġġjar tal-fondi mill-Kummissjoni, ***it-Tbassir ta' Allarm għall-Baġit imħejji mill-Kummissjoni, u*** analiżi tal-benefiċċju tan-nefqa mwettqin fuq talba tal-Kumitat għall-Baġits u il-konsiderazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività mħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni;

Or.en

Emenda mressqa minn Bárbara Dührkop Dührkop

Emenda 19

Paragrafu 9

9. Jiftakar mill-ġdid li dawn il-linji tal-baġit kienu magħżula fuq il-bażi ta' eżami approfondit li sar tar-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, ir-Rapporti ta' Sintesi dwar l-immaniġġjar tal-fondi mill-Kummissjoni, ***(tħassir)*** u il-konsiderazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività mħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni;

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 20

Paragrafu 9 a (ġdid)

9a. *Jilqa' b'soddisfazzjon is-sejħa għal smigħ f'nofs Novembru biex il-Kummissjoni tirispondi għat-tħassib imqajjem f'dawn l-emendi; iħeġġeġ lill-membri tal-kumitati speċjalizzati tal-Parlament biex jieħdu sehem f'dan is-smigħ;*

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 21

Paragrafu 10

10. Inaqas b'10% l-appropriazzjonijiet għall-immaniġġjar amministrattiv marbuta direttament ma' programmi fuq bażi orizzontali; (***tħassir***) ma jara l-ebda kontradizzjoni għal linji tal-baġit li fuqhom il-Parlament kemm iqiegħed ammonti friżerva minħabba ***x*** tħassib dwar il-kwalità ta' l-implimentazzjoni kif ukoll iżid l-appropriazzjonijiet skond il-prijoritajiet politiċi; jafferma mill-ġdid, f'dan ir-rigward, li jixtieq jara valur kwalitattiv għall-flus minfuqa f'kull qasam ta' l-infiq ta' l-UE;

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 22

Paragrafu 10 a (ġdid)

10a. *Ifakkar l-importanza li ta l-Parlament lill-kisba ta' dikjarazzjoni pożittiva ta' assigurazzjoni (DAS) għall-fondi fuq bażi ta' manġment maqsum; jenfasizza l-intenzjoni tiegħu biex jiżgura li konformi ma' l-2006.IIA, l-awtoritajiet rilevanti għall-verifika fl-istati membri jipproduċu valutazzjoni dwar kemm is-sistemi ta' mmaniġġjar u kontroll jikkonformaw ruħhom mar-regolamenti tal-Komunità; jitolb li għalhekk l-istati membri jggarantixxu li jipproduċu sommarju annwali fil-livell nazzjonali xieraq tal-verifiki u tad-dikjarazzjonijiet disponibbli;*

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 23

Paragrafu 11

11. Rigward proġetti pilota u azzjonijiet ta' tħejjija, jinnota l-limiti mgħollija li huma stipulati għal proġetti ġodda fil-Ftehma Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006; jipproponi **numru ta' proġetti ġodda konformi b'mod ġenerali mal-prijoritajiet stipulati fil-paragrafu 6 tar-riżoluzzjoni ta' l-APS;**

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 24

Paragrafu 11

11. Rigward proġetti pilota u azzjonijiet ta' tħejjija, jinnota l-limiti mgħollija li huma stipulati għal proġetti ġodda fil-Ftehma Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006; jipproponi proġetti ġodda **mmirati għat-tħejjija tal-pjan għall-bażijiet legali ġodda jew għall-modifika ta' dawk eżistenti, inkluż permezz ta' kapaċità ta' riċerka aktar integrata, it-titjib tar-rabtiet kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina u ma' l-Indja, strument finanzjarju ġdid b'effett ta' spinta li jimmira għat-tisħiħ tal-proġetti relatati ma' enerġija li jiġġeddu u ma' l-effiċjenza ta' l-enerġija f'pajjiżi terzi u għall-proġetti ġodda fil-qasam tal-politika ta' l-informazzjoni;**

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 25

Paragrafu 12

12. **Għall-aġenziji eżistenti jipproponi, bħala approċċ ġenerali b'numru żgħir ta' eċċezzjonijiet speċifiċi, li jkunu restitwiti approprjazzjonijiet fl-abbozz preliminari tal-baġit (PDB) imma jitqiegħdu f'riżerva żjidiet 'il fuq minn ammont ta' referenza, sabiex jiġi vvalutat jekk iż-żjidiet fuq l-2006 humiex ġustifikati;** Rigward l-aġenziji l-ġodda (l-Aġenzija Ewropea għall-Kimika, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi, l-Aġenzija Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali), bil-għan li tkun żgurata l-applikazzjoni ta' Punt 47 tat-IIA (Ftehma Interistituzzjonali) tas-17 ta' Mejju 2006, jipproponi li jitħassru l-appropriazzjonijiet li ddaħħlu fl-abbozz tal-baġit b'mod partikulari għall-fatt li għadha ma teżisti l-ebda bażi legali għal dawn l-aġenziji; **(tħassir)**

Or.

Emenda mressqa minn Anne E. Jensen

Emenda 26
Paragrafu 12

12. Rigward l-aġenziji l-ġodda (l-Aġenzija Ewropea għall-Kimika, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi, l-Aġenzija Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali), bil-għan li tkun żgurata l-applikazzjoni ta' Punt 47 tat-IIA (Ftehma Interistituzzjonali) tas-17 ta' Mejju 2006, jipproponi li jitħassru l-appropriazzjonijiet li ddaħħlu fl-abbozz tal-baġit b'mod partikulari għall-fatt li għadha ma teżisti l-ebda bażi legali għal dawn l-aġenziji; għall-aġenziji eżistenti jipproponi, bħala approċċ ġenerali b'numru żgħir ta' eċċezzjonijiet speċifiċi, li jkunu restitwiti appropriazzjonijiet fl-abbozz preliminari tal-baġit (PDB) imma li jitqiegħdu frizerva żjidiet 'il fuq minn ammont ta' referenza, sabiex żjidiet eċċessivi jkunu llimitati; ***Jistenna li l-Kunsill jiċċara l-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi li jospitaw lill-aġenziji diġà stabbiliti u li jadotta sett ta' standards komuni li jorbtu.***

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 27
Paragrafu 12

12. Rigward l-aġenziji l-ġodda (l-Aġenzija Ewropea għall-Kimika, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi, l-Aġenzija Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali), bil-għan li tkun żgurata l-applikazzjoni ta' Punt 47 tat-IIA (Ftehma Interistituzzjonali) tas-17 ta' Mejju 2006, jipproponi li jitħassru l-appropriazzjonijiet li ddaħħlu fl-abbozz tal-baġit b'mod partikulari għall-fatt li għadha ma teżisti l-ebda bażi legali għal dawn l-aġenziji; għall-aġenziji eżistenti jipproponi, bħala approċċ ġenerali b'numru żgħir ta' eċċezzjonijiet speċifiċi, li jkunu restitwiti appropriazzjonijiet fl-abbozz preliminari tal-baġit (PDB) imma li jitqiegħdu frizerva żjidiet 'il fuq minn ammont ta' referenza, ***sakemm tasal aktar informazzjoni;***

Or.en

Emenda mressqa minn Jens-Peter Bonde

Emenda 28

Paragrafu 12 a (ġdid)

12a. Jemmen li bidwi jew entità ġuridika m'għandhomx jitħallsu aktar minn 40.000 € fis-sena bħala nefqa totali għall-agrikoltura mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri u jitlob li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ma jħallsux aktar minn 40.000 € bħala nefqa totali għall-agrikoltura għal kull bidwi jew entità ġuridika fl-2007 filwaqt li ma ssirx diskriminazzjoni kontra l-Istati Membri l-ġodda.

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 29

Paragrafu 13

13. Jikkonferma l-konvinzjoni tiegħu, espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija tal-Politika Annwali (APS), li l-għarfien, il-ħiliet, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, it-teknoloġiji tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, **u politika għat**-trasport u **għall**-enerġija **sostenibbli** jiffurmaw il-bażi ta' ekonomija moderna b'saħħitha u huma essenzjali għall-ħolqien ta' l-impiegi; għalhekk, iddeċieda li ma jaċċettax l-approċċ tal-Kunsill li jsir diversi tnaqqis f'numru ta' linji tal-baġit kruċjali li jimmiraw li jtejbju l-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-UE; iddeċieda li jżid l-approprijazzjonijiet ta' ħlas għal programmi ta' prijorità marbuta ma' l-Aġenda ta' Liżbona bħal m'huma l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u s-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka;

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 30

Paragrafu 13

13. Jikkonferma l-konvinzjoni tiegħu, espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija tal-Politika Annwali (APS), li l-għarfien, il-ħiliet, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, it-teknoloġiji tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, **politika għat**-trasport u **għall**-enerġija **sostenibbli** jiffurmaw il-bażi ta' ekonomija moderna b'saħħitha u huma essenzjali għall-ħolqien ta' l-impiegi; għalhekk, iddeċieda li ma jaċċettax l-approċċ tal-Kunsill li jsir diversi tnaqqis f'numru ta' linji tal-baġit kruċjali li jimmiraw li jtejbju l-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-UE; iddeċieda li jżid l-approprijazzjonijiet ta' ħlas għal programmi ta' prijorità marbuta ma' l-Aġenda ta' Liżbona bħal m'huma l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u s-Seba' Programm ta' Qafas għar-

Riċerka;

Or.en

Emenda mressqa minn Anne E. Jensen

Emenda 31
Paragrafu 13 a (ġdid)

13a. Jiddispjaċih li l-appropriazzjonijiet għal nerwerks għat-trasport transewropew tnaqqsu konsiderevolment għall-MFF 2007 - 2013 aktar milli kien mistenni; jenfasizza l-importanza ta' dikjarazzjoni ċara mill-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet proposti tagħha għall-investiment TEN-T; jistenna qbil sodisfaċenti mal-Kunsill u mal-Kummissjoni dwar regolament dwar għajjnuna finanzjarja fil-qasam tan-netwerks tat-trasport transewropew u tal-proġetti prijoritarji li għalihom għandhom jiġu allokat i fondi;

Or.en

Or.en

Emenda mressqa minn Catherine Guy-Quint

Emenda 32
Paragrafu 14

14. Huwa konvint li t-tgħollija tal-kompetittività ta' l-UE hija element essenzjali tar-reazzjoni ta' l-UE għall-isfidi tal-globalizzazzjoni; għalhekk iqis li ż-żjiediet fl-appropriazzjonijiet fl-intestatura 1a huma sinjal ċar tad-direzzjoni futura li għandu jtejjer l-infiq ta' l-UE; **ifakkar il-ħtieġa ta' finanzjament pubbliku xieraq biex jinħoloq l-effett ta' spinta mistenni mill-kofinanzjar ta' l-EIB; jistenna bla sabar il-proposti tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni; jenfasizza li żieda fil-kapital sottoskritt għal terminu twil ikun mixtieq mill-EIF kemm biex takkompanja l-introduzzjoni ta' mandati ġodda (inkluża is-CIP) fl-2007 u kemm biex jiġu ffinanzjati l-operazzjonijiet il-ġodda tal-proġetti tat-trasferiment tat-teknoloġiji kif mixtieq mill-Parlament, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni;**

Or.fr

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 33

Paragrafu 14

14. Huwa konvint li t-tgħollija tal-kompetittività ta' l-UE ***fejn sostenibbli***, hija element essenzjali tar-reazzjoni ta' l-UE għall-isfidi tal-globalizzazzjoni; għalhekk iqis li ż-żjidiel fl-approprijazzjonijiet fl-intestatura 1a huma sinjal ċar tad-direzzjoni futura li għandu jieħu l-infiq ta' l-UE ;

Or.en

Emenda mressqa minn Reimer Böge

Emenda 34

Paragrafu 14 a (ġdid)

- 14a. Jenfasizza s-sinifikat teknoloġiku u ekonomiku straordinarju tal-programm Galileo; jfakkar lill-Kummissjoni li jekk jittieħed fuq il-perjodu kollu, dan il-programm mhux iffinanzjat biżżejjed fil-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid u jappella lill-Kummissjoni li ssib malajr soluzzjoni Prattika u li ddum biex tiżgura s-suċċess ta' dan il-programm;***

Or.de

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 35

Paragrafu 15

15. ***Jinnota*** li l-approprijazzjonijiet għall-fondi strutturali u ta' koeżjoni huma konsiderevolment aktar baxxi għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ta' l-2007-2003 milli kien mistenni, l-aktar bħala riżultat tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005; jqis għalhekk, ***(tħassir)*** l-approprijazzjonijiet fl-abbozz preliminari tal-baġit għandhom ikunu restitwiti; jagħfas fuq l-importanza li, issa li t-IIA l-ġdida ġiet miftiehma, ikunu stabbiliti u approvati ***malajr kemm jista' jkun*** programmi nazzjonali; ***iddeċieda li jżid approprijazzjonijiet tal-ħlas għall-linji tal-baġit marbuta mal-koeżjoni konformement mal-prijoritajiet tal-politika tiegħu;***

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 36

Paragrafu 16

16. (**tħassir**) Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta t-testi meħtieġa u tibda l-proċeduri kemm jista' jkun malajr biex tkun tista' ssir l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (IFI) matul l-eżerċizzju baġitarju ta' l-2007; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iċċara l-bażi legali għall-Programm ta' Paċi.

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 37

Paragrafu 17

17. Jinnota li l-2007 se tkun l-ewwel sena ta' implimentazzjoni sħiħa tar-riforma l-aktar riċenti tal-Politika Agrikola Komuni (CAP); jiddeplora l-qtuġħ drastiku ġenerali *tal-Kunsill* ta' EUR 525 miljun fl-ispiża tas-suq, ibbażat fuq kriterji ta' kontabilità u mingħajr m'huma jitqiesu l-prijoritajiet tal-Parlament; jitlob, għalhekk, li l-figuri ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari (PDB) ikunu stabbiliti mill-ġdid (**tħassir**);

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 38

Paragrafu 17

17. Jinnota li l-2007 se tkun l-ewwel sena ta' implimentazzjoni sħiħa tar-riforma l-aktar riċenti tal-Politika Agrikola Komuni (CAP); **jinnota** l-qtuġħ drastiku ġenerali *tal-Kunsill* ta' EUR 525 miljun fl-ispiża tas-suq, ibbażat fuq kriterji ta' kontabilità u mingħajr m'huma jitqiesu l-prijoritajiet tal-Parlament; **fil-biċċa l-kbira tal-każi rrestitwixxa l-ammonti fl-Abbozz ta' Baġit Preliminarju (PDB) filwaqt li stenna l-ittra ta' l-emenda tal-Kummissjoni;**

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 39

Paragrafu 18

18. Jiddeplora l-fatt li minkejja l-ħtiġijiet l-aktar importanti għar-ristrutturar, l-immodernizzar u d-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali ta' l-Ewropa, ir-riżorsi allokatu lill-iżvilupp rurali mistennija jonqsu f'termini veri; iqis li **trasferiment volontarju ta'** fondi minn appoġġ agrikolu dirett ("l-ewwel pilastru" tal-CAP) għal żvilupp rurali m'huwiex il-mezz adattat **bħala rimedju għal din is-sitwazzjoni**; A propositu ta' dan, jesprimi riservazzjonijiet qawwija fuq il-proposta kurrenti tal-Kummissjoni rigward il-modulazzjoni volontarja ta' sa 20% ta' l-appoġġ agrikolu dirett għall-iżvilupp rurali; (**tħassir**)

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 40

Paragrafu 19

19. (**tħassir**)

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 41

Paragrafu 18

18. Jiddeplora l-fatt li minkejja l-ħtiġijiet l-aktar importanti għar-ristrutturar, l-immodernizzar u d-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali ta' l-Ewropa, ir-riżorsi allokatu lill-iżvilupp rurali mistennija jonqsu f'termini veri; iqis li **trasferiment volontarju ta'** fondi minn appoġġ agrikolu dirett ("l-ewwel pilastru" tal-CAP) għal żvilupp rurali m'huwiex il-mezz adattat **bħala rimedju għal din is-sitwazzjoni**;

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 42

Paragrafu 20

20. Jiġbed l-attenzjoni li ***l-qasam tal-Libertà, Ġustizzja u sigurtà***, b'mod partikulari ***l-***

promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, id-definizzjoni ta' politika komuni dwar il-kenn u l-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, hija waħda mill-prijoritajiet essenzjali ta' l-Unjoni; għalhekk jirriżolvi li jżid ir-riżorsi allokatu *għal dan il-qasam, b'mod partikulari* lill-Eurojust, l-uniku korp għall-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-liġi kriminali, li l-effikaċja tiegħu, li qiegħda tikber, għandha tkun imsaħħa iżjed u iżjed;

Or.en

Emenda mressqa minn Catherine Guy-Quint

Emenda 43
Paragrafu 21 a (ġdid)

21a. Jenfasizza li dawn l-oġettivi għandhom korollarju fil-politiki dwar l-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetajiet Ewropej;

Or.fr

Emenda mressqa minn Jens-Peter Bonde

Emenda 44
Paragrafu 22

22. Ifakkar l-importanza *tal-prinċipju tas-sussidjarjetà* fil-qasam tal-kultura, edukazzjoni, taħriġ u żgħażagħ, *u jemmen li rispett lejn pluraliżmu ta' opinjoni huwa l-ewwel kundizzjoni għal* politika effettiva ta' komunikazzjoni sabiex l-UE tinġiebu eqreb lejn iċ-ċittadin; iqis li jista' jsir użu aħjar minn midja ġodda tal-komunikazzjonijiet biex jinġiebu flimkien Ewropej li jfasslu l-politika *mill-opinjonijiet politiċi kollha* biex jaqsmu l-ideat bejniethom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiċċara l-implikazzjonijiet tal-Pjan D dwar id-Dibattitu u d-Djalogu Demokratiku u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu skond dan l-istess pjan; *jitlob lill-Kummissjoni biex tippubblika fuq l-internet id-dettalji ta' l-allokkazzjoni ta' sussidji (ammonti u benefiċjarji) għall-azzjonijiet kollha fil-qasam tal-politika ta' komunikazzjoni barra l-pubbliċità li l-azzjoni nnifisha qed tkun appoġġata mill-baġit ta' l-UE;*

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 45
Paragrafu 23

23. **Jemmen li** l-UE tista' u għandha tkun **qed tingaġġa ruħha aktar malajr u b'mod aktar strateġiku** mal-proċess ta' globalizzazzjoni (**tħassir**); jipproponi li r-restituzzjoni tal-figuri ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari fuq numru ta' linji u miżjuda għal **pagamenti** lil hinn mill-ABP f'xi oqsma bil-ħsieb li jissaħħu l-attivitajiet ta' l-UE permezz ta' programmi Komunitarji fl-oqsma tal-politika barranija, l-għajjnuna għall-iżvilupp u umanitarja, u l-iskambji kummerċjali u xjentifiċi ma' pajjiżi ta' importanza kbira li qed jitfaċċaw bħal m'huma ċ-Ċina u l-Indja;

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 46
Paragrafu 23

23. (**tħassir**) Jipproponi li r-restituzzjoni tal-figuri ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari fuq numru ta' linji u miżjuda għal ammonti lil hinn mill-ABP f'xi oqsma bil-ħsieb li jissaħħu l-attivitajiet ta' l-UE permezz ta' programmi Komunitarji fl-oqsma tal-politika barranija, l-għajjnuna għall-iżvilupp u umanitarja, u l-iskambji kummerċjali u xjentifiċi ma' pajjiżi ta' importanza kbira li qed jitfaċċaw bħal m'huma ċ-Ċina u l-Indja;

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 47
Paragrafu 24

24. Jinnota li l-qafas legali l-ġdid għall-azzjonijiet esterni ta' l-UE jimplika wkoll struttura ġdida għall-baġit; b'mod ġenerali jilqa' b'sodisfazzjon is-simplifikazzjoni ta' l-strumenti u n-nomenklatura l-ġdida tal-baġit proposta magħha; **jilqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni ta' strument separat dwar id-drittijiet tal-Bniedem u d-Demokazija, li jinħtieġ modifika tan- nomenklatura ta' l-Abbozz tal-Baġit Preliminari (PDB);** ma jistax jaċċetta, però, li numru mill-bidliet proposti jnaqqsu t-trasparenza għal xi settur u/jew reġjun u se jdaħħal il-modifikazzjonijiet meħtieġa;

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 48
Paragrafu 25

25. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-espansjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-politika komuni barranija u tas-sigurtà (CFSP) ma ġietx akkumpanjata minn żjieda fir-responsabilità demokratika u l-iskrutinju parlamentari; jipproponi emendi baġitarji li jfittxu li jrawmu livell ogħla ta' trasparenza **u koperazzjoni** f'dan ir-rigward;

Or.en

Emenda mressqa minn James Elles

Emenda 49
Paragrafu 26

imħassar

Or.en

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 50
Paragrafu 26

26. Hu mħasseb minħabba l-ispejjeż amministrattivi totali għall-programmi ta' għajjnuna u koperazzjoni esterni li għolew f'daqqa matul iż-żmien tal-perspettiva finanzjarja 2000-2006; għalhekk, se jpoġġi xx% ta' dawn l-ispejjeż fir-riżerva sakemm ***jingħataw spjegazzjonijiet mill-Kummissjoni***;

Or.en

Emenda mressqa minn Catherine Guy-Quint

Emenda 51
Paragrafu 27

27. ***Huwa kontra bis-sħiħ l-approċċ adottat mill-Kunsill*** fl-abbozzi ta' dikjarazzjonijiet annessi ma' l-abbozz ta' baġit fuq riżorsi amministrattivi li kien favur it-tneħħija ta' 200 post tax-xogħol fl-istituzzjonijiet ta' l-UE, b'mod prinċipali l-Kummissjoni, fl-2008 u 500 post tax-xogħol ieħor bejn l-2008 u l-2010;

Emenda mressqa minn Helga Trüpel

Emenda 52
Paragrafu 27

27. **Jiċħad** l-approċ tal-Kunsill fl-abbozzi ta' dikjarazzjonijiet annessi ma' l-abbozz ta' baġit fuq riżorsi amministrattivi li kien favur it-tneħħija ta' 200 post tax-xogħol fl-istituzzjonijiet ta' l-UE, b'mod prinċipali l-Kummissjoni, fl-2008 u 500 post tax-xogħol ieħor bejn l-2008 u l-2010;

Or.en

Emenda mressqa minn Ingeborg Gräßle

Emenda 53
Paragrafu 28

28. Jiddeċiedi li jibqa' jżomm kif inhuma l-ammonti ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari għall-ispiża amministrattiva; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tressaq dokument dettaljat ta' ppjanar għal tul ta' żmien medju rigward il-ħtiġijiet ta' riżorsi umani tagħha għas-snin li ġejjin; Jenfasizza li dokument bħal dan għandu jibni fuq l-informazzjoni fornuta fid-dokument tiegħu **tat-8** ta' Settembru 2006 u jipprovdi dettalji ta' kull tip ta' persuna impjegata mal-Kummissjoni, inklużi uffiċjali, esperti nazzjonali, aġenti temporanji u kategoriji oħra ta' persunal. **jitlob, b'mod partikulari, biex dan ir-rapport ikollu fih valutazzjoni ta' l-effiċjenza potenzjali tal-Lussemburgu bħala post tax-xogħol tal-Kummissjoni u biex ir-rapport tal-Kummissjoni jkun ibbażat fuq dejta oġġettiva miksuba b'mod partikulari wkoll billi jiġu vvalutati unitajiet orizzontali bħalma huma d-DG ADMIN u s-Segretarjat, u l-unità operattiva DG RTD, li hija unità bl-akbar intensità ta' spejjeż.**

Or.de

Emenda mressqa minn Salvador Garriga Polledo fisem il-Grupp EPP/ED

Emenda 54
Paragrafu 28

28. Jiddeċiedi li jibqa' jżomm kif inhuma l-ammonti ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari għall-ispiża amministrattiva; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tressaq dokument **aktar** dettaljat ta' ppjanar għal tul ta' żmien medju rigward il-ħtiġijiet ta' riżorsi umani tagħha għas-snin li ġejjin **u rapport aktar iddettaljat dwar il-personal tal-Kummissjoni fuq funzjonijiet ta' appoġġ u koordinazzjoni l-aktar tard sal-15 ta'**

Novembru 2006;

Or.en

Emenda mressqa minn Jan Mulder

Emenda 55
Paragrafu 28 a (ġdid)

28a. *Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-ħidma ta' segwitu li l-Kunsill u l-Kummissjoni qed jagħmlu dwar dikjarazzjonijiet ta' tmexxija nazzjonali, trasparenza, riskju kkalkulat ta' żbalji, u barra dan kif il-Kummissjoni qed tittratta n-nuqqas ta' responsabilità fil-livell ta' tmexxija ċentrali; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkomunikaw kif dawn il-proposti konkreti magħmula mill-Parlament fil-Kwittanza 2004 jistgħu jiġu inkorporati fl-oġġettivi ġenerali u speċifiċi li jirregolaw l-istrateġija ta' verifika ta' l-Unjoni Ewropea.*

Or.en

Emenda mressqa minn Salvador Garriga Polledo f'isem il-Grupp EPP/ED

Emenda 56
Paragrafu 28 a (ġdid)

28a. *Iħeġġeġ lill-Kummissjoni li twaqqaf bażi tad-dejta għaż-żgħażaġh li kisbu l-ewwel esperjenza professjonali fl-Istituzzjonijiet Ewropej f' programmi ta' 'stages' u taħriġ jew tipi oħra ta' kuntratti għal żmien qasir biex dan it-tagħrif speċjalizzat jużawh aħjar u jkun disponibbli għall-ambjent Ewropew inklużi kuntratturi u aġenziji eżekuttivi;*

Or.en

Emenda mressqa minn Ingeborg Gräßle

Emenda 57
Paragrafu 28 a (ġdid)

28a. *Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddedika aktar attenzjoni għat-transpożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea f'liġi nazzjonali mill-Istati Membri li għandha tirrifletti fl-irduppar tar-riżorsi umani disponibbli għaliha;*

Or.de

Emenda mressqa minn Ingeborg Gräble

Emenda 58
Paragrafu 28 b (ġdid)

28b. *Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq rapport li jivvaluta r-riforma tar-Regolamenti ta' l-Istaff għall-Uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li għandu jkollu fih dejta komparattiva dwar amministrazzjonijiet simili ta' l-Istati Membri, b'mod partikulari dwar in-numru ta' siegħat ta' xogħol fil-ġimgħa, salarji, konċessjonijiet u pagamenti addizzjonali oħra, iżda wkoll benefiċċji mhux monetarji bħalma huma l-korsijiet fil-lingwi għall-konjuġi u l-imsieħeb/imsieħba u skontijiet għas-sħubija f'assoċjazzjonijiet sportivi, kundizzjonijiet relatati ma' rtirar kmieni/diżabilità u ħlas ta' salarju li jissokta f'każ ta' miżuri dixxiplinarji;*

Or.de

Emenda mressqa minn Ingeborg Gräble

Emenda 59
Paragrafu 28 c (ġdid)

28c. *Jerġa' jtenni s-sejħa tiegħu għal kull Stat Membru biex ikun rappreżentat kif jixraq fil-personal ta' l-istituzzjonijiet;*

Or.de